# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Erbgha, 22 ta' Frar, 2023**

Kawza Nru: **14**

Rikors Nru: **10/2021 ISB**

**Theresa Buttigieg, karta tal-identita' bin-numru ID 882451M**

**vs**

1. **Tal-Qroqq Properties Limited C25807**
2. **John J. Attard ID 319548M**
3. **John A. Psaila ID 367081M**

**Il-Qorti,**

Rat dak dikjarat fl-ahhar verbal, dak tal-udjenza tas-17 ta' Novembru 2022;

Rat illi wara d-deposizzjoni tax-xhiedha moghtija dak in-nhar, senjatament ta' John Attard, fuq stedina tal-Qorti, kien hemm qbil bejn il-partijiet u saret talba da parti taghhom sabiex jinhatar amministratur provvizorju tal-kumpannija intimata bil-ghan limitat u specifku illi tinbiegh il-proprjeta` tal-kumpannija *Tower Gate Place, Tal-Qroqq, Msida*, u dan bi prezz ragjonevoli imma dejjem bi ftehim mal-partijiet kollha.

Rat illi l-partijiet kellhom perjodu sabiex jipprezentaw nota kongunta, b'isem jew ismijiet ta' persuna jew persuni li minnhom l-Qorti tkun tista' taghzel isem sabiex jservi ta' amministratur provvizorju ghall-finijiet hawn fuq msemmija;

Rat illi l-attrici pprezentat nota fid-29 ta' Dicembru 2022 u fost l-ismijiet hemm dak ta' **Dr Richard Galea, Debono**;
Rat illi l-intimati pprezentat in-nota taghhom fit-28 ta' Dicembru 2022 u fost l-ismijiet hemmek indikati hemm ukoll dak ta' **Dr Richard Galea Debono**.

Rat l-artikolu 228 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, li ighid espresament hekk:

> *(1) Il-qorti tista' b'ordni taħtar amministratur provviżorju f'kull żmien wara li jkun ġie ppreżentat rikors għal stralċ u qabel ma tagħmel ordni għal stralċ, u jista' jkun maħtur jew l-uffiċjal riċevitur jew xi persuna oħra kompetenti.*
>
> *(2) L-amministratur provviżorju għandu jaqdi dawk il-funzjonijiet u setgħat dwar l-amministrazzjoni dwar l-estate jew in-negozju tal-kumpanija kif il-qorti tista' tispeċifika fl-ordni li jaħtru.*
>
> *(3) L-amministratur provviżorju jibqa' jżomm dik il-kariga sa dak iż-żmien li jsir ordni għal stralċ jew ir-rikors għal stralċ ikun miċħud sakemm ma jirriżenjax qabel dak iż-żmien jew ma jitneħħiex mill-qorti jekk tintwera raġuni xierqa.*

Il-Qorti qieset illi isem l-**Avukat Dr Richard Galea Debono** mhux biss jitfacca fin-noti kollha tal-partijiet, izda ukoll illi huwa persuna kwalifikata u kompetenti b'esperjenza twila u vasta fil-qasam partikolari u li certament illi jista' jghin u jservi b'ghaqal dan ir-rwol jekk jinhatar hu.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti tqis illi jkun idoneju illi tilqa' t-talba tal-partijiet u tinnomina u tahtar lill-msemmi **Dr Richard Galea Debono** bhala amministratur provvizorju tas-socjeta` Tal-Qroqq Properties Limited (C-25807), bil-kundizzjonijiet hawnekk stipulati:

a) Huwa ma ghandux jassumi ebda funzjoni, rwol jew setgha ta' direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija, b'dan illi huwa ma ghandux jitqies ghal finijiet u effetti ta' dan id-digriet bhala ufficjal tal-kumpannija u dan id-digriet ma ghandux jinqara jew jinftiehem illi l-imsemmi Avukat Galea Debono qed jiehu r-rwol jew il-funzjoni ta' xi ufficjal prezenti tal-kumpannija liema rwoli u funzjonijiet jibqghu vestiti fl-ufficjali prezenti.

b) L-Avukat Dr Richard Galea Debono qieghed jigi mahtur bhala amministratur provvizorju **biss u esklussivament** sabiex jghin u jassisti lill-partijiet jaqblu bejniethom u eventwalment isibu l-bejgh u jiffacilita' dan bl-involiment anke u jekk necessarju, ta' terzi persuni bhal ma huma *estate agents*.

c) Illi kull ma jaghmel l-amministratur provvizorju ghandu jsir bil-kunsens tal-partijiet kollha li minn naha taghhom, kif gja espress fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2022, jinsabu disposti illi jikkooperaw mal-amministratur hawnekk

mahtur bil-ghan illi tinbiegh l-unika proprjeta` tal-kumpannija hawn fuq riferita, ossia, ***Tower Gate Place, Tal-Qroqq, Msida***.

d) Tordna illi huwa jinghata kwalsiasi dokument illi jidhrilu opportun illi jkollu f'idejh sabiex jaqdi dan l-inkarigu specifiku illi ghalih huwa qed jinhatar bhala amministratur provvizorju.

e) Tordna illi jekk jinsab il-bejgh tal-istess proprjeta' hawn fuq msemmija, huwa qieghed, bis-sahha ta' dan l-istess provvediment, jigi awtorizzat illi jidher f'isem u ghan-nom tad-diretturi jew min minnhom illi jonqos/jonqsu milli jidher/jidhru fuq il-konvenju u l-eventwali kuntratt, u/jew, ikun jista' jassisti lill-istess diretturi fuq l-istess atti msemmija jekk jidhru huma personalment.

f) Tordna li l-ispejjez tal-hatra u x-xoghol tal-amministratur provvizorju, inkluzi dawk relatati mal-qadi tal-funzjonijiet u setghat tal-istess, ghandhom jithallsu mill-partijiet flimkien u in solidum bejniethom, u ghal dan il-ghan, qed tordna illi qabel ma jibda' bl-inkarigu tieghu, l-amministratur provvizorju ghandu jithallas s-somma ta' tlett elef Euro (€3000) akkont tad-drittijiet u spejjes illi ghad iridu jigu approvati minn din il-Qorti bhala dovuti ghax-xoghol li jkun mwettaq.

g) Tordna illi dan l-inkarigu ghandu validita' ta' tnax il-xahar mill-llum bil-ghan illi f'dan il-perjodu il-partijiet jasslu fi ftehim u jikkonkludu l-bejgh tal-istess proprjeta`, liema perjodu jista' jigi prorogat biss fuq talba tal-istess amministratur provvizorju jekk ihoss il-htiega ta' aktar zmien biex jiffinalizza.

h) Tordna l-komunika ta' dan id-digriet lill-Avukat Richard Galea Debono.

Digriet moghti fil-Qorti miftuha illum l-Erbgha 22 ta' Frar 2023.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**